**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 3.08.08: IT-TMINTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
**IT-TNEJN, 4.08.08:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
Fis-**6.00p.m**. ikun hemm il-quddiesa fiċ-ċimiterju.
**L-ERBGĦA, 6.08.08:** Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
**IL-ĦAMIS, 7.08.08:** L-Ewwel Ħamis tax-xahar
Fis-7.00p.m. konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru t-twaqqif tas-saċerdozju u ta' l-Ewkaristija. Jsir talb bis-salmi flimkien mal-komunita' preżenti.
**IL-ĦADD, 10.08.08: ID-DSATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri tal-knisja.

## PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN

Se jsir pellegrinaġġ Djoċesan għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl – Malta.
Dan se jkun nhar l-Erbgħa, 20 ta' Awissu. Nitilqu mill-Imġarr Għawdex mal-vapur tal-4.30p.m. Immorru bil-lanċa minn San Pawl il-Baħar għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Ikun hemm konċelerbazzjoni u wieħed jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m.
Biljetti mill-Ufficċju Parrokkjali.

**Kors fil-"*Parenting Skills*"**

Se jsir Kors fil-"Parenting Skills" organizzat mid-Dar Guzeppa Debono. Jibda fit-12 ta' Awissu. Min hu interessat iċempel 21552595

## GRAZZI LIL SANTA MARGERITA

Bi mħabba lejn l-Patruna tagħna Santa Margerita, kellna ħafna persuni nvoluti biex tiġi organizzata l-Festa tal-Patruna tagħna.
Forsi mhux dejjem wieħed ikun jaf kemm ikun qed isir xogħol fil-moħbi u li jieħu ħafna u ħafna ħin. Xi drabi nieqfu naraw biss dak li jkun qed isir f'dik il-ġimgħa tal-festa. Pero' ftit jgħaddi minn moħħna kemm persuni qed jagħtu sehemhom u ħinhom matul is-sena kollha.
Ftit forsi jafu kemm kumitati jkunu ilhom jiltaqgħu u jippjanaw biex kollox isir mill-aħjar.
Deher ċar li kien hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn is-saċerdoti, il-Kunsill Parrokkjali, il-Kumitat tal-Festa u persuni oħra li kienu nkarigati minn xi attivita' matul il-festa. Kien hemm koperazzjoni wkoll mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita u anke mill-Kunsill Lokali fejn kienu nvoluti l-Banda Ġermaniża u l-Grupp ta' Pisoniano.
Ħafna faħħru l-attendenza tassew numeruża għall-funzjonijiet u anke ċ-ċelebrazzjonijiet sbieh li saru għad-diversi kategoriji tal-parroċċa.
Nixtieq nagħmel tiegħi kumment li għamilli wieħed minn Malta li qal jkun hawn kull sena għall-festi f'Għawdex. Huwa qalli: "Kellkom festa b'ton tassew spiritwali u kienet tidher l-għaqda u l-ferħ ta' kulħadd."
Kumment ieħor li ħareġ minn diversi persuni tal-parroċċa tagħna, kien dan: "Il-fatt li ma' sarx l-marċ tal-11.00a.m. ta ċans li l-familja tagħmel l-ikla tal-festa flimkien."
Il-barranin li kellna fostna (ta' Pisoniano u l-Germanja) ma' kellhomx ħlief kliem ta' tifħir għall-organizzazzjoni li kellna f'kollox, fi spirtu ta' aħwa bejnietna.
GRAZZI MILL-QALB lil kulħadd għax il-festa għamilniha lkoll flimkien b'qima lil SANTA MARGERITA V. u M.

Dun Tarcisio Camilleri (Arċip)